

# L-ILLUŻJONIST DOMENIC GRUPPETTA

Domenic Gruppetta, l-ewwel tifel f'familja ta' sitt itfal twieled fis-26 ta' April, 1898, fin-naħa t'isfel tal-Belt Valletta. Missieru kien Quarter Master fil-Milizzja Maltija u qatt ma naqas ifakkar lil uliedu li l-familja riedet tgħix biss fuq d-dħul miżeru ta' żewġ xelini (24 ċenteżmu) kuljum.

Minn **CHARLES B. SPITERI**




Pażjent bla saħħa u safrani, li kien qabeż is-sebgħin sena ma kienx jiflaħ għal-loppju biex ikun operat. It-tabib tiegħu tal-Armata, Dr Petrino Xuereb, għaraf mill-ewwel li jekk jagħtih l-anestesija qabel joperah, kien jitilfu għal kollox. Iżda jekk ried jipprova jsalvalu ħajtu u joperah għall-ftuq li kellu, ried isib mezz kif jagħmel dan mingħajr il-mediċina jew l-eteru. Kien f'dak il-mument li ftakar li snin qabel kien opera lil xi suldati fl-Isptar tal-Imtarfa bl-għajnuna ta' rekluta Malti fl-Armata Ingliża, li kien studja fuq il-kura li setgħet tingħata permezz tal-ipnotiżmu. Għalhekk, bħal miġnun, l-ispeċjalista ordna ta' malajr: "Morru sibu u ġibuli lil Domenic Gruppetta!"

Meta l-ipnotista, magħruf sew għall-varjetà ta' oqsma li kellu f'ħajtu, għax ma kienx biss illużjonista ewlieni iżda studjuż ta' kif jaħdem il-moħħ, tal-astroloġija u tat-tbassir, daħal fil-kamra tal-pazjent, Dr. Xuereb spjegalu li ħtieġu biex idaħħal lill-marid fi stat qawwi ta' ipnotesi għal madwar siegħa. Dan biex ikun jista' joperah, jaqta' u jħit. Dan kien każ li jqanqal ammirazzjoni b'mod irreżistibbli, fejn l-ispeċjalista ried jaħdem fl-iqsar ħin.

L-ipnotista ħadem billi offra effett artifiċjali mill-aqwa fuq persuna li aċċettat mill-ewwel għall-ipnotiżmu. Għalhekk l-ispeċjalista daħħal l-imsaren mill-ġdid f'posthom, ħiet u reġa' qajjem lill-pazjent fuq saqajh biex għex għal kważi għaxar snin oħra, fejn kien għoddu daħal għad-disgħinijiet tiegħu.

## Studju fuq il-qawwa tal-moħħ

Domenic kien studja sew l-aqwa letteratura li speċjalisti bħall-Professur Elmer E. Knowles kiteb fuq il-qawwa tal-moħħ matul il-mard, kif ukoll oqsma oħra relatati mal-fejqan manjetiku, fejn operazzjoni tista' ssir permezz tal-ipnotiżmu minflok ma tintuża l-anestesija.

Kważi sal-aħħar ta' ħajtu Domenic kien għadu jħaddem il-ħila psikika tiegħu biex fejjaq żagħżugħ ta' 25 sena mis-Siġġiewi. Hu rnexxielu jneħħilu d-diżordni nervuża li kellu tul għoxrin sessjoni ta' rqad fil-fond. U hawn tajjeb insemmi li meta l-illużjonista kellu 24 sena, irnexxielu jipnotizza lilu nnifsu biex saritlu operazzjoni żgħira fi griżmejh wara li żviluppalu xi felul.

Fl-età ta' 21 sena, Domenic Gruppetta kien diġà qed igawdi minn reputazzjoni vasta għall-poteri telepatiċi u straordinarji li kellu. Kien idur il-villaġġi jagħmel illużjonijiet u telepatija fi żmien meta s-superstizzjoni kienet qawwija fost il-poplu Malti. Għalhekk kien hemm ħafna li kienu jħarsu lejh biċ-ċiera.

> "Domenic kien studja sew l-aqwa letteratura li speċjalisti bħall-Professur Elmer E. Knowles kiteb fuq il-qawwa tal-moħħ matul il-mard, kif ukoll oqsma oħra relatati mal-fejqan manjetiku, fejn operazzjoni tista' ssir permezz tal-ipnotiżmu minflok ma tintuża l-anestesija

Insemmu li fis-17 ta' Lulju, tal-1921, l-illużjonist intalab iwettaq xi atti illużjonarji fi Sqaq Witet fil-Mosta bl-iskop li jinġabru fondi b'risq il-festa titulari. Hu għażel li juri l-ħiliet tiegħu fil-qari tal-karti, fil-palmistrija (qari tal-idejn) u bħala ipnotist, fejn ħaddem il-misteri tat-trażmissjoni'. Dawn ħolqu għagħa enormi fl-udjenza ta' bdiewa tal-lokal, tant li akkużawh li qed jitbiegħed mill-valuri Kattoliċi u li ried jiddomina lill-folla permezz tal-għajnuna tax-xitan.

## Investigat mill-Kurja

Din l-akkuża waslet sal-Kurja Eklеżjastika, li bdiet investigazzjoni fil-konfront tal-illużjonist. U l-Isqof Awżiljarju Angelo Portelli, tal-Ordni tad-Dumnikani, taħ parir biex jieqaf milli jagħti wirjiet lill-udjenzi tal-irħula. Hu interessanti hawn li nsemmu wkoll, li fil-bidu tas-seklu 17, Blaise Manfre, illużjonist Malti ta' ħiliet eċċezzjonali, kien wettaq att ta' fama Ewropea, billi bela' ilma pur u ferrgħu minn ħalqu bħala birra u cognac. U hawn insemmu li Manfre wkoll kien suspettat li kellu poteri dijaboliċi u biex evita l-kaċċa li bdiet issir għalih spiċċa kellu jiżvela s-sigriet ta' kif kienet issir dik l-illużjoni lill-Kardinal Mazarin ta' Franza.

Fis-snin 20 kien hawn numru żgħir ta' illużjonisti li tgħoddhom fuq id waħda. Dawn kollha għamlu isem għalihom, bħal Giuseppe Reale, li kien magħruf l-iktar lejn Tas-Sliema, waqt li Johnny Giordmaina, ħabib tat-tfulija ta' Gruppetta, mar Toronto, fil-Kanada, fejn sar magħruf bħala l-gay magician of Canada.

Domenic għadda wkoll l-arti tal-maġija u għallem lil bniedem ieħor; ħabib ta' tfulitu mill-Kottonera; ċertu Kelinu Pace, li ħa l-isem illustri ta' Chris Van Bern. Gruppetta kien intefa' b'mod professjonali għall-istudju tal-maġija; jibbaża għerfu fuq il-ħoss, il-prinċipji xjentifiċi; jemmen li l-prinċipji maġiċi setgħu jkunu mifhuma. Storikament, kien jaf il-bażi tal-arti tiegħu miż-żminijiet imbiegħda tad-Dedi Eġizzjan, li kien jagħti l-wirjiet quddiem Cheops, il-bennej tal-piramida l-kbira.

## Sħubija f'Ohio

Fl-1936, Domenic Gruppetta kien dett membru tal-International Brotherhood of Magicians, ta' Ohio, l-Istati Uniti, u kien mgħammar b'mod eċċezzjonali bl-informazzjoni klassika. Hu studja b'mod ardenti x-xogħlijiet ta' nies bħall-Avukat Ingliż A. Lewis, il-Prof K. Hoffman (pijunier ewlieni għall-*Manual for Conjurers*) u l-Prof. Herrman, li eċċella ferm fil-maġija biżarra u kemikali u li fuq ix-xogħol tiegħu *Black Magic Exposed*, li s-satiriku Malti Juan Mamo (1885-1941), ibbaża l-verżjoni tiegħu msejħa *Ġabra ta' Sigrieti, Ta' Xebh is-Sħarijiet u Ta' Misteri*, ippubblikat fl-1934. Iżda l-awtur favorit ta' Domenic kien David Devant, wieħed mill-akbar illużjonisti ta' kull żmien, li kien sikwit mistieden mill-irjali.

Minn xi noti li fadal għall-awtobijografija li beda meta kien qabeż sew is-60 sena tiegħu, jirriżulta li x-xewqa ta' Domenic fil-maġija bdiet meta daħal fl-adolexxenza tiegħu u wara li ingaġġa fil-Brigata tal-Infanterija ta' Malta, fejn missieru, bniedem militari, wild familja umli qajla magħrufa, serva wkoll taħt l-Ingliżi.

Insibu li meta Domenic kien għadu żgħir, missieru ħadu jara illużjonista Taljan li kien ġie Malta biex jagħti xi wirjiet. Isemmi li baqa' mistagħġeb b'dak li ra. Għalhekk kiseb l-indirizz ta' ħanut tal-maġija f'Londra u rnexxielu jġib kotba fuq il-maġija, l-ipnotiżmu u t-telepatija. Ma kellux flus biżżejjed biex jixtri l-apparat, iżda kien xortih tajba li kellu ħuh handyman perfett. Flimkien, mhux biss irnexxielhom jaħdmu l-apparat meħtieġ, iżda ħolqu ieħor li mhux biss kien ġdid għall-maġija li ħoloq Domenic, iżda kien ħafna aqwa minn dak fis-suq.

Fil-ktieb tiegħu *Shuffled Magic* (1938) illustrat minn H. Blackman, jidhru 12 mill-aqwa illużjonijiet li wettaq, li wħud minnhom kienu riferuti bħala invenzjonijiet ġodda minn ħadd għajr Will Goldston, illużjonist kontemporanju ta' fama dinjija li kien ħareġ il-*Who's Who in Magic* bħala appendiċi tal-ktieb meqjum ferm tiegħu *Tricks That Mystify* (1934).

## Familja b'finanzi limitati

Meta Domenic kellu seba' snin, il-familja marret tgħammar fl-Armerija l-Antika 'l barra minn Triq Buskett. Il-paga mqita ta' Rosario ma setgħetx tipprovdi għall-edukazzjoni sekondarja ta' wliedu, iżda mmotivat mill-kisbiet edukattivi ta' ibnu Domenic, minn hemm u minn hawn irnexxielu jdaħħlu fil-British Garrison School tal-Imtarfa, fejn konkors ta' sparar fil-Pembroke Range offra karriera fil-militar lill-istudent ċkejken. Meta bilkemm kellu 15–il sena, Domenic kien miktub bħala kadett fl-Ewwel Battaljun tal-King's Own Malta Regiment tal-Milizzja.

Hekk kif faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija, Domenic akkumpanja lir-reġiment tiegħu fuq il-mobilizzazzjoni, u ngħata jagħmel għassa fil-Bajja tal-Ġnejna. Fl-istess żmien ingħaqad b'mod attiv u intensiv fil-Baden Powell Scout Movement, fejn kiseb disa' medalji ta' profiċjenza fl-ewwel ftit xhur. Kien laħaq scoutmaster kemm tat-Truppa tar-Rabat kif ukoll tal-Hamrun. Hu mexxa l-kontingent Malti għall-Jamboree li saret fl-Ingilterra.

Kemm missieru kif ukoll ħuh Vincent, magħruf aktar bħala Ċensinu kienu involuti fl-arti drammatika u l-organizzazzjoni orkestrali tal-Każin tal-Banda Konti Ruġġieru fir-Rabat, fejn sa mill-1886 kien jeżisti t-teatrin. Sal-1920 Ċensinu fforma l-kumpanija tiegħu Vittoriosi u hu u Domenic kitbu bosta reċti b'temi storiko-reliġjużi, kif ukoll fuq nies martri u protagonisti erojċi Maltin.

## Ipnotizzar fuq żewġ siġġijiet

Kmieni fl-1921 Gruppetta marru joqogħdu fi Strada Vallone, l-Imsida, fejn Domenic ingħaqad mal-Iscouts tal-Ħamrun u beda jwettaq maġija moderna, telepatija u ipnotiżmu. Waħda mill-aktar atti impressivi li kien jippreżenta kienet meta jipnotizza persuna, mimduda orizzontalment fuq żewġ siġġijiet u jitla' fuq l-istonku tagħha. Fit-terminoloġija ipnotika, dan l-att hu magħruf bħala Catalepsy, stat fejn is-sensazzjoni u l-istat tal-għarfien ikunu sospiżi u fejn il-ġisem jibbies.

Apparti minn dan kollu, Domenic ippreżenta serje ta' xogħlijiet drammatiċi b'risq it-twaqqif tal-Ħamrun Boy Scout Troupe Theatrical Company fiċ-Cinema Reale u t-Teatru Eldorado.

Imbagħad lil Domenic narawh jaqbad linja oħra, fil-forma tat-trejdjunjoniżmu. Bniedem lealissimu u partitarju kbir ta' Lord Gerald Strickland, Domenic kien wieħed mill-fundaturi tal-Anglo-Maltese League u kien għaraf il-ħtieġa li l-ħaddiema Maltin kellhom jingħaqdu biex jaffrontaw kull diskriminazzjoni mis-sidien tagħhom.

## L-ewwel impjegat mas-Servizz Ċivili

Bħala Uffiċjal maċ-Ċivil fl-impjieg mar-Royal Air Force (hu telaq mill-militar f'Settembru, 1924) Gruppetta kien elett bħala l-Ewwel Segretarju tal-Assoċjazzjoni tat-Taqsima Klerikali tas-Servizz Ċivili. U peress li hu kien l-ewwel Malti li ddaħħal fl-impjieg mas-Servizz Ċivili Ingliż, kien f'kuntatt ma' bosta industrijalisti Maltin li ħadmu mal-RAF.

Terġa' kien f'kuntatt kontinwu ma' Trejdjunjonisti bħal Ġużè Ellul Mercer, Ġino Muscat Azzopardi, Ġużè Orlando Smith u Reggie Miller, il-bniedem li waqqaf il-General Workers' Union fl-1943 u li talab lil Gruppetta jkompli jgħin fil-union.

> "Gruppetta kien intefa' b'mod professjonali għall-istudju tal-maġija; jibbaża għerfu fuq il-ħoss, il-prinċipji xjentifiċi; jemmen li l-prinċipji maġiċi setgħu jkunu mifhuma

Fl-1936, wara li l-Gruppettas marru joqogħdu f'Tas-Sliema, Domenic kien elett President tat-Taqsima tal-Illużjonisti tal-Istitut għall-Kultivazzjoni tal-Arti. Ħidmietu fil-maġija estendiet għal Birkirkara, Ħaż-Żabbar u l-Belt Valletta, u kien jagħti wirjiet ikkummissjonati minn uffiċjali Ingliżi għoljin kif ukoll mill-Gvernatur Sir Harry Luke, li stieden lil Domenic biex jipprovdi illużjonijiet f'Casa Leone, ir-residenza uffiċjali tal-Gvernatur fil-Ħamrun.

Kif faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, fl-1940 u wara l-mewt ta' ommu, Domenic, flimkien ma' ħuh Ċensinu, marru jgħammru għal ftit f'dar fi Triq Fra Diego l-Ħamrun u wara għal Triq Brighella. Kompla jagħti wirjiet lil nies distinti, fosthom lill-Gvernatur Ġenerali u Lady Dobbie, li talbu li jkollhom serati ta' maġija fil-Palazz il-Belt Valletta.

Aktar tard, il-konnessjoni li kellu mal-Anglo-Maltese League waqfet u dan juri l-integrità personali li kellu. Għalkemm kien ħaġa waħda mas-sentimenti Ingliżi ħajtu kollha, irrifjuta li jissieħeb fi propaganda politika partiġjana. Hu oġġezzjona għall-preżenza ta' statwa jew pittura tal-mejjet Lord Strickland fil-kwartieri tal-Anglo-Maltese fi Triq il-Merkanti u għalhekk irriżenja mill-Kunsill b'ittra datata 19 ta' Settembru, 1941.

## Żwieġ lil kap ta' skola

Sentejn wara, fil-11 ta' Settembru, 1943 Domenic iżżewweġ lil Marie Vassallo, kap ta' skola mħarrġa l-Ingilterra u bint John F. Vassallo, artist u mużiċist minn Bormla li kellu konnessjonijiet qrib ħafna ma' Carmelo Mifsud Bonnici (il-Gross), li kien Ministru tal-Edukazzjoni taħt l-amministrazzjoni Nazzjonalista ta' Enrico Mizzi. Il-koppja Gruppetta kellha tlett itfal.

Iżda l-maġija baqgħet l-ossessjoni ewlenija ta' Domenic, li sa dan iż-żmien kien kiseb l-aqwa riżultati fiha. Sa hawn tant kien ipprattika l-ħeffa li kien iħalli lill-udjenza skantata b'dak kollu li jagħmel.

Sal-1964 meta kiber sew, Domenic baqa' jippreżenta l-atti ta' maġija, iżda naqqas sew ir-ritmu. L-aħħar wirja tiegħu kienet għal kunċert tal-karità fil-Moviment tal-Azzjoni Kattolika Ħaż-Żebbuġ. Hu kien jemmen f'dak li qal Houdini, li biex illużjonist iħaddem il-maġija fl-aqwa tagħha jrid ikun ħafif. Għalhekk warrab mix-xena. Kien fit-30 ta' Novembru tal-1978 li Domenic ħalla din id-dinja darba għal dejjem.